European Food Safety Authority

**ATTIVITAJIET INTERNAZZJONALI - METODOLOĠIJA STRATEĠIKA**

# Dokument li Jiddeskrivi l-metodoloġija strateġika tal-EFSA dwar l-attivitajiet internazzjonali tagħha

Magħmul f'Ruma, l-Italja
Fid-29 ta' Jannar, 2009

Iffirmat minn

Diána Bánáti
President

European Food Safety Authority

# Attivitajiet Internazzjonali - Metodoloġija Strateġika

1. Fl-2006, il-Bord tat-Tmexxija tal-EFSA identifika l-iżvilupp addizzjonali tal-attivitajiet internazzjonali tal-EFSA bħala wieħed mir-rakkomandazzjonijiet ewlenin li jirriżultaw mir-rapport tal-Evalwazzjoni Esterna[1] li twettqet skont Artikolu 61 tar-Regolament tal-Fondazzjoni tagħha[2]

2. Il-Pjan Strateġiku tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) 2009 – 2013 adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-EFSA fit-18 ta' Diċembru, 2008, jidentifika l-aktar temi importanti għal bidla, li jinkludu l-globalizzazzjoni, żieda fl-innovazzjoni, affarijiet marbuta mas-sostenibbiltà u t-tibdil tal-klima u t-tibdil fis-soċjetà u l-politika b'impatt potenzjali fuq ix-xogħol futur tal-EFSA. Biex tindirizza dawn it-temi, tenfasizza l-ħtieġa għall-konnessjonijiet u kooperazzjoni internazzjonali.

3. L-UE hi l-akbar esportatur tad-dinja u t-tieni l-akbar importatur ta' prodotti ta' ikel u xorb, u negozjant maġġuri ta' prodotti agrikoli essenzjali [3] Il-kummerċ globali, iż-żieda fl-ivvjaġġar, u l-migrazzjoni huma kollha fatturi li potenzjalment jikkontribwixxu għal firxa internazzjonali ta' riskji ġodda jew riskji emerġenti li jitfaċċaw mill-ġdid (eż. BSE). In-natura globali tar-riskji fil-katina alimentari u tal-għalf hi enfasizzata mill-statistika mis-Sistema Rapida ta' Allert dwar l-Ikel u l-Għalf 2007[4] fejn madwar 7300 notifika ġew riċevuti għal ikel u għalf importati fil-Komunità. Il-kummerċ globali mhux biss jippreżenta sfidi għal maniġers tar-riskju iżda jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal evalwaturi tar-riskju biex jikkooperaw fuq livell internazzjonali.

4. L-EFSA għandha tissodisfa l-missjoni tagħha biex tappoġġja lill-maniġers tar-riskju fil-livell Ewropew u fl-Istati Membri biex jipproteġu s-saħħa u jkomplu jżommu l-kunfidenza fil-provvista Ewropea tal-ikel. Biex tappoġġja l-kummerċ ewlieni tagħha, jeħtieġ li l-EFSA tipparteċipa b'mod sħiħ fuq livell internazzjonali, tkun konxja dwar l-isfidi globali fil-qasam tas-sigurtà fl-Ikel, tkun kapaċi tidentifika riskji ġodda, tiġbor, tikklassifika u tiskambja informazzjoni u dejta, tkun konxja tal-komunikazzjonijiet bejn entità u oħra, tibni kooperazzjoni u koerenza adattati kemm ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll ma' organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi

5. L-iżvilupp ta' metodoloġija tal-EFSA dwar l-attivitajiet internazzjonali tagħha, jikkunsidra l-kuntest legali u istituzzjonali li fih taħdem. Biex tissodisfa l-missjoni globali tagħha u x-xogħol deskritt f'Artikoli 22 u 23 tar-Regolament tal-Fondazzjoni tagħha, u twettaq il-kummerċ ewlieni tagħha, hemm bżonn li l-EFSA jkollha aċċess għall-iktar bażi globali wiesgħa ta' informazzjoni u dejta xjentifika disponibbli dwar ir-riskji, u tkun involuta fl-iżvilupp u l-użu ta' metodi ta' evalwazzjoni tar-riskju rikonoxxuti internazzjonalment. Artikolu 23[5] jeħtieġ li l-EFSA tipprovdi għajnuna xjentifika u teknika, meta mitluba tagħmel hekk mill-Kummissjoni, bl-iskop li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Komunità, il-pajjiżi applikanti, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi fil-kampijiet fi ħdan il-missjoni tagħha. Artikolu 33.1 u 33.2 jeħtieġu li l-EFSA taħdem ma' pajjiżi applikanti, pajjiżi terzi jew korpi

[1] Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija tal-EFSA wara l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-EFSA li twettqu skont Artikolu 61 ta' 178/2002.

[2] Regolament (KE) Nru. 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar, 2002, li jistipula l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxu l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistipulaw proċeduri f'temi dwar is-sigurtà fl-ikel

[3] L-imsieħba kummerċjali ewlenin huma l-Istati Uniti tal-Amerika, nazzjonijiet Ewropej li mhumiex fl-UE, ir-Russja, iċ-Ċina, il-Brażil, l-Arġentina, it-Tajlandja, l-Indja, il-Vjetnam – iqassmu dejta tas-CIAA u andamenti għal 2006

[4] 4_Article 50.3 178/2002, ara http://ec.europa.eu/food/food/rapidalert/index_en.htm

[5] Artikolu 23.i - biex tipprovdi għajnuna xjentifika u teknika, meta mitluba tagħmel hekk mill-Kummissjoni, bl-iskop li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Komunità, il-pajjiżi applikanti, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi fil-kampijiet fi ħdan il-missjoni tagħha.

internazzjonali biex tfittex, tiġbor, tikklassifika, tanalizza u tagħmel sommarju tad-dejta xjentifika u teknika rilevanti fil-kampijiet fi ħdan il-missjoni tagħha[6]. Artikolu 49[7] speċifikament jeħtieġ li l-EFSA taħdem ma' pajjiżi li jkunu għamlu ftehim mal-Komunità Ewropea li permezz tiegħu jkunu adottaw u applikaw il-leġislazzjoni tal-Komunità (eż. pajjiżi taL-EFTA-ŻŻE).

6. Flimkien ma' dan, dispożizzjonijiet u politiki legali oħra Ewropej jistabbilixxu qafas għall-kooperazzjoni tal-EFSA ma' korpi ta' pajjiżi terzi jew korpi internazzjonali – eż. Programmi ta' Qabel it-tkabbir, Ftehim Konġunt bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti biex tinbena kooperazzjoni dwar temi xjentifiċi u tekniċi, Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknika, eċċ.

7. F'ħafna oqsma fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel u l-għalf, fl-oqsma fitosanitarji u sanitarji, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-kompetenza istituzzjonali u legali li tirrappreżenta l-Komunità Ewropea f'fora internazzjonali. Appoġġ fuq temi xjentifiċi u tekniċi lill-Kummissjoni fix-xogħol tagħha f'diskussjonijiet intergovernattivi, eż. fl-OIE, IPPC, EPPO, OECD, WTO, WHO u FAO hu mqaffas minn dawn ir-responsabbiltajiet legali u istituzzjonali definiti. Hu importanti li l-Kummissjoni, u għalhekk il-pożizzjonijiet Ewropej, ikunu mirfuda minn appoġġ xjentifiku u tekniku qawwi li jkun ġie żviluppat b'għarfien sħiħ ta' informazzjoni internazzjonali, evidenza, dejta u prattiċi tal-evalwazzjoni tar-riskju.

6. Evalwazzjonijiet tar-riskju, evalwazzjonijiet oħra, dejta u ġbir u analiżi ta' informazzjoni jitwettqu minn kumitati internazzjonali u korpi oħra, u b'mod partikulari dawk taħt l-awspiċi tal-FAO/WHO, OECD, OIE u IPPC jintużaw bħala referenzi internazzjonali u fl-aħħar mill-aħħar isostnu l-istandards li jintużaw għal kummerċ internazzjonali. Hu importanti li dawn jirriflettu b'mod sħiħ l-evalwazzjoni ta' riskji, għax dawn jappartjenu għall-Ewropa u hemm bżonn ċar għal input Ewropew f'dawn l-evalwazzjonijiet u metodoloġiji ta' evalwazzjoni tar-riskju applikati. B'konsistenza mal-mandat tagħha u l-qafas istituzzjonali, l-EFSA għandha tkun kapaċi tikkontribwixxi għal, u titgħallem minn attivitajiet tal-evalwazzjoni tar-riskju internazzjonali u tkun tifforma parti integrali fil-komunità xjentifika internazzjonali.

7. L-EFSA diġà għandha strateġija f'postha għal kooperazzjoni mal-Istati Membri[8] li dwarha dan l-aħħar ippreżentat evalwazzjoni interim lill-Bord tat-Tmexxija. [9] L-esperjenza minn din l-attività għenet lill-EFSA biex tirrifletti dwar il-kooperazzjoni fuq livell internazzjonali

8. Bħala organizzazzjoni matura hu f'waqtu li l-EFSA timplimenta l-viżjoni u l-oġġettivi ewlenin tagħha fir-rigward tal-attivitajiet internazzjonali tagħha. Matul l-ewwel 6 snin tal-operat tagħha, l-EFSA diġà ffurmat kuntatti mill-qrib fuq bażi ad hoc ma' dawk l-organizzazzjonijiet f'pajjiżi terzi u fil-livell internazzjonali li l-attivitajiet tagħhom

---

[6]Artikolu 33.1. L-Awtorità għandha tfittex, tiġbor, tikklassifika, tanalizza u tagħmel sommarju tad-dejta xjentifika u teknika rilevanti fil-kampijiet fi ħdan il-missjoni tagħha. Dan ser ikun jinvolvi b'mod partikulari il-ġbir ta' dejta fir-rigward ta': (a) konsum ta' ikel u l-espożizzjoni ta' individwi għar-riskji marbuta mal-konsum tal-ikel; (b) l-inċidenza u l-prevalenza ta' riskju bijoloġiku; (ċ) kontaminanti fl-ikel u fl-għalf; (d) residwi.
Artikolu 33.2. Għall-iskopijiet ta' paragrafu 1, l-Awtorità ser taħdem b'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet kollha li jaħdmu fil-qasam tal-ġbir tad-dejta, li jinkludu dawk minn pajjiżi applikanti, pajjiżi terzi jew korpi internazzjonali.

[7] Artikolu 49 L-Awtorità għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li ffirmaw ftehimiet mal-Komunità Ewropea li permezz tagħhom adottaw u applikaw il-leġislazzjoni tal-Komunità fl-kamp kopert minn dan ir-Regolament.

Ser isiru arranġamenti taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk il-ftehimiet, li jispeċifikaw b'mod partikulari in-natura, il-grad u l-mod li bih dawn il-pajjiżi ser jipparteċipaw fix-xogħol tal-Awtorità, li jinkludu dispożizzjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni fin-netwerks imħaddma mill-Awtorità, l-inklużjoni fil-lista ta' organizzazzjonijiet kompetenti li jistgħu jingħataw ċertu xogħol mill-Awtorità, kontribuzzjonijiet finanzjarji u staff.

[8] Strateġija għal kooperazzjoni u netwerking bejn l-Istati Membri tal-UE u l-EFSA, Diċembru 2006, website tal-EFSA, ara http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/msstrategy.pdf

[9]http://www.efsa.europa.eu/cs/BlobServer/DocumentSet/mb181208_item8_doc6a_Interim_review.pdf?ssbinary=true Evalwazzjoni interim tal-Istrateġija għal Kooperazzjoni u n-Netwerking bejn l-Istati Membri tal-UE u l-EFSA

ikopru dawk rilevanti għar-responsabbiltà tal-EFSA kif ukoll li tiżviluppa kuntatti individwali ma' xjenzjati ewlenin madwar id-dinja.

9. Dan id-dokument ifittex li jipprovdi metodoloġija strateġika għall-attivitajiet internazzjonali tal-EFSA u jifrex l-objettivi u l-prijoritajiet tagħha biex tikkonsolida x-xogħol eżistenti tagħha u tidentifika inizjattivi futuri.

**L-Għanijiet tal-EFSA fl-attivitajiet internazzjonali tagħha.**

10. Sabiex l-EFSA tforni l-missjoni globali tagħha dwar l-evalwazzjoni tar-riskju u komunikazzjonijiet, biex tgħin lill-maniġers tar-riskju tal-UE u tiżgura l-iktar bażi xjentifika robusta għal miżuri biex tipproteġi s-saħħa u tmantni l-kunfidenza fis-sistema Ewropea tal-ikel, l-EFSA identifikat dawn l-4 għanijiet ewlenin fir-rigward tal-attivitajiet internazzjonali tagħha:

**I Biex tappoġġja l-UE fl-impenji internazzjonali tagħha.**

11. L-EFSA tipprovdi appoġġ lill-Kummissjoni fil-programmi u fl-impenji internazzjonali tagħha. L-EFSA identifikat u pprijoritizzat mal-Kummissjoni l-Kumitati ewlenin tal-Codex li għalihom l-appoġġ tal-EFSA jista' jkun meħtieġ.[10] B'mod partikulari, l-esperti tal-EFSA jipparteċipaw fit-Task Forces intergovernattivi Ad hoc tal-Codex dwar ir-Reżistenza antimikrobjali u dwar Ikel Derivat mill-Bijoteknoloġija kif ukoll jgħinu fil-kumitati. Flimkien mal-għajnuna lill-Komunità, l-involviment tal-EFSA fil-Codex Alimentarius jippermettilha li tantiċipa l-attivitajiet xjentifiċi tal-korpi dwar l-evalwazzjoni tar-riskju internazzjonali tal-WHO/FAO għax ħafna mill-inizjattivi tagħhom huma instigati minn Codex.

12 L-EFSA għenet ukoll lill-Kummissjoni billi pprovdiet appoġġ lid-diskussjonijiet tal-Kummissjoni fid-WTO, EPPO, IPPC, OIE, WHO, FAO u diskussjonijiet bilaterali ma' pajjiżi terzi billi tipprovdi l-bażi xjentifika għal pożizzjonijiet tal-Komunità bl-iskop aħħari li tgħin lill-Komunità biex tissodisfa l-obbligazzjonijiet internazzjonali tagħha.

13. Il-Komunità għandha diversi attivitajiet bilaterali u multilaterali li qed jiffunzjonaw li huma rilevanti għall-attivitajiet u r-responsabbiltajiet tal-EFSA, eż. inizjattivi taħt il-Kunsill dwar is-Sħubija Ekonomika Transatlantika u b'mod partikulari id-Djalogu dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju u d-Djalogu dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju Globali li fih l-EFSA diġà pparteċipat.

14. L-EFSA għenet lill-Kummissjoni bi programmi ta' taħriġ xjentifiku f'pajjiżi Mercosur u fl-Asja bil-għan li jibnu għarfien u kapaċità akbar dwar evalwazzjoni tar-riskju u fl-aħħar mill-aħħar tgħin lil pajjiżi li jimpurtaw biex jifhmu l-bażi xjentifika għal miżuri dwar l-immaniġġjar tar-riskju tal-EFSA u tagħmilha possibbli li jissodisfawhom. Pereżempju, fuq talba tal-Kummissjoni, dan l-aħħar l-EFSA ħadmet ma' esperti Russi, u bniet il-kompetenza u l-għarfien tagħhom tal-bażi xjentifika għal livelli massimi ta' pestiċidi fl-Ewropa.

15. Fi ħdan il-qafas ta' tkabbir tal-EU, l-EFSA qed taħdem ma' pajjiżi kandidati u ta' qabel it-tkabbir biex tippromwovi l-għarfien tax-xogħol tal-Awtorità, tiskambja l-kompetenza, toħloq mekkaniżmi ta' skambju ta' informazzjoni, u tinvolvi lill-awtoritajiet f'eżerċizzi ta' koordinazzjoni għal meta jkun hemm kriżi nazzjonali. L-EFSA qed taħdem fl-iskema tal-Viċinat Ewropew b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni u bħalissa qed taħdem mal-Kroazja, it-Turkija u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-ħames pajjiżi Kandidati potenzjali fil-Balkani tal-Punent (is-Serbja, l-Albanija, il-Montenegro, il-Kosovo, u l-Bosnia u Herzegovina)[11]. Dawn l-attivitajiet huma parti mill-medda sħiħa tar-responsabbiltà tal-EFSA, u l-EFSA ser tkompli tappoġġja l-Kummissjoni biex tforni dawn il-programmi bil-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni u n-netwerking xjentifiku.

[10] Il-Kumitati ta' Codex dwar ir-Residwi ta' Pestiċidi, Kontaminanti tal-Ikel, Addittivi tal-Ikel, Iġjene fl-Ikel, Metodi ta' Analiżi u Kampjuni, Ikel Nutrizzjonali għal Użijiet Speċjali fid-Dieta.

[11] Strument għal Għajnuna ta' Qabel it-Tkabbir (IPA) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:210:0082:0093:EN:PDF

**Inizjattivi Ewlenin**

**- Fuq livell multilaterali**

- Tiddefinixxi u tipprijoritizza mal-Kummissjoni l-appoġġ għal delegazzjonijiet tal-UE f'laqgħat intergovernattivi internazzjonali bħal task forces intergovernattivi tal-Codex, iżda wkoll fejn meħtieġ fl-EPPO, IPPC, OIE, il-Kunsill ta' Ewropa u OECD u attivitajiet preparatorji relatati[12].

- Li tibni bażi aktar solida għal kooperazzjoni ma' korpi internazzjonali, tesplora mal-Kummissjoni l-potenzjal għal qafas adattat tal-attivitajiet tal-EFSA fir-reviżjoni ta' ftehim eżistenti dwar iż-żieda ta' skambji xjentifiċi u tekniċi.

**- Fuq livell bilaterali**

- Tidentifika u tipprijoritizza l-appoġġ tal-EFSA lil attivitajiet tal-Komunità u b'mod partikulari dawk marbuta mad-Djalogu dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju Transatlantiku[13], it-Tkabbir u Programmi dwar il-Viċinat.

- Fi ħdan il-qafas legali u istituzzjonali, taħdem mal-Kummissjoni biex tidentifika l-bażijiet adattati għal kooperazzjoni ma' dawk il-korpi li jkunu qed jagħmlu xogħol simili għall-EFSA f'Pajjiżi Terzi biex tiffaċilita l-kooperazzjoni u skambji fuq xogħol li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-EFSA.[14]

| | |
|---|---|
| II | Tiżgura l-aċċess għal dejta xjentifika internazzjonali biex tipprovdi bażi f'saħħitha għall-evalwazzjoni tar-riskju u l-identifikazzjoni ta' riskji emerġenti. |

16. Flimkien mal-kooperazzjoni u n-netwerking tal-EFSA mal-Istati Membri, u b'rikonoxximent tan-natura globali ta' ħafna riskji, l-EFSA diġà qed taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ta' pajjiżi terzi. L-għan hu li jsir skambju tal-għarfien permezz ta' netwerking, l-iffaċilitar ta' aċċess għal għarfien xjentifiku, dejta, l-aħjar prattiċi u ambjenti ta' riċerka 'l barra mill-Ewropa, li jagħmlulha possibbli li l-EFSA tibni eċċellenza xjentifika u koerenza filwaqt li tippromwovi sinerġiji fuq skala globali.

17. Kif imbassar fir-Regolament tal-Fondazzjoni tagħha (Artikolu 33), l-EFSA ser tibni kooperazzjoni fuq il-ġbir ta' dejta u informazzjoni f'oqsma bħal konsum tal-ikel, l-inċidenza u l-prevalenza ta' riskju bijoloġiku, kontaminanti fl-ikel u l-għalf u residwi u dejta oħra li teħtieġ biex twettaq il-mandat tagħha. F'dan ir-rigward, l-EFSA diġà hi impenjata f'attivitajiet regolari multi-laterali. Pereżempju, permezz tal-Grupp Internazzjonali Responsabbli mill-Komunikazzjoni dwar is-Sigurtà tal-Kimika fl-Ikel, kienet kapaċi tiskambja informazzjoni fir-rigward ta' Bisphenol A u Melamine, u ħadmet mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, Standards tal-Ikel fl-Awstralja u New Zealand, Health Canada, il-Kummissjoni dwar is-Sigurtà fl-Ikel tal-Ġappun, US FDA u NZFSA. Dawn il-pjattaformi ser ikunu forums importanti biex tinbena kooperazzjoni futura u l-iskambju ta' informazzjoni, dejta u esperjenzi.

18. L-EFSA ser tippromwovi wkoll il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji ta' pajjiżi terzi sabiex tidentifika riskji emerġenti, u sitwazzjonijiet ta' riskju li qed jinbidlu. Dan għen fit-tbassir tal-impatt tar-riskji globali fuq is-sitwazzjoni Ewropea, eż. mal-WHO, OIE u FAO fuq l-Influwenza tat-Tjur. Kooperazzjoni bħal din ser issir dejjem iżjed importanti fl-futur meta jiġu ttakiljati riskji ġodda jew riskji emerġenti li jitfaċċaw mill-ġdid minħabba l-kummerċ globali, l-ivvjaġġar internazzjonali u l-migrazzjoni, it-tibdil tal-klima u teknoloġiji ġodda. L-EFSA diġà żammet konferenza konġunta mal-WHO u mal-FAO biex teżamina t-temi emerġenti kkawżati mill-impatt tat-tibdil tal-klima fuq is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. L-EFSA hi wkoll parti min-netwerk Infosan tal-WHO u hi parti integrali mill-proċeduri ta' emerġenza tagħha. Il-ħila tal-EFSA li tipprovdi appoġġ xjentifiku waqt emerġenza/kriżi ser jittejjeb bil-kbir bil-bini ta' dawn il-links u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali biex ikollha aċċess immedjat għal dejta u informazzjoni oħra.

---

[12] Pereżempju, li tgħin lill-Kummissjoni billi tagħti input ta' pariri xjentifiċi jew tekniċi dwar pożizzjonijiet qabel laqgħat internazzjonali.
[13] Tinkludi pajjiżi ta' sħubija transatlantiċi u, flimkien ma' dawn, korpi dwar l-evalwazzjoni tar-riskju ta' pajjiżi terzi.
[14] Ftehim bħal dak bejn il-Komunità ma', pereżempju, New Zealand, Awstralja, eċċ.

19. Fuq livell bilaterali, s'issa l-EFSA iffirmat ftehim wieħed formali biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni mal-US-FDA[15] li primarjament jiżgura li regoli kunfidenzjali jiġu rispettati. Dan żied il-fluss ta' informazzjoni. Il-ftehim jifforma parti mill-arranġamenti għall-implimentazzjoni tas-Sħubija Ekonomika Transatlantika[16]. L-EFSA taħseb li ftehim addizzjonali jista' jkun utli u ser tesplora mal-Kummissjoni Ewropea l-possibbiltà ta' dan il-ftehim li jinkludu fi ħdan ir-Regolament tal-Fondazzjoni tal-EFSA u l-istrumenti legali disponibbli ta' kooperazzjoni li jeżistu fil-livell Ewropew għal xjenza u teknoloġija ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

**Inizjattivi Ewlenin**

- Fiż-żoni ta' prijorità, timplimenta arranġamenti li jutilizzaw strumenti legali eżistenti biex tirfed u tipprovdi bażi solida għall-iskambju ta' dejta u informazzjoni oħra ma' korpi rilevanti internazzjonali u ta' Pajjiżi Terzi bl-iskop li tipprovdi bażi komprensiva għall-attivitajiet tagħha tal-evalwazzjonijiet tar-riskju u ta' riskji emerġenti.
- Tibni kooperazzjoni internazzjonali u tesplora mekkaniżmi biex tiffaċilita skambji mgħaġġla ta' informazzjoni u dejta biex ittejjeb il-ħila tal-EFSA li tappoġġja l-maniġers tar-riskju fil-każ ta' emerġenzi.

## III Parteċipazzjoni fl-evalwazzjoni tar-riskju fil-livell internazzjonali

20 Diversi organizzazzjonijiet internazzjonali jwettqu evalwazzjonijiet tar-riskju fl-istess kampijiet bħall-EFSA. L-EFSA hi diġà involuta f'attivitajiet ta' evalwazzjoni tar-riskju fuq livell internazzjonali hekk kif ħafna mix-xjenzjati ewlenin Ewropej fuq il-Panels u l-Kumitat tal-EFSA kif ukoll l-istaff huma impenjati fl-attivitajiet tal-kumitati tal-evalwazzjoni tar-riskju internazzjonali u l-gruppi tax-xogħol ta' JMRA, JMPR, JECFA. Bl-istess mod, l-esperti tal-EFSA qed jiġu mistiedna fuq il-bażi tal-kapaċità personali biex jipparteċipaw f'dawk attivitajiet tal-evalwazzjoni tar-riskju organizzati mill-OIE, IPPC, WHO, EPPO u OECD. Dan l-involviment ser ikompli jkun importanti fil-futur jekk il-metodi Ewropej, dejta u l-aħjar prattiċi ser jiġu kkunsidrati minn dawn il-kumitati, u jekk ix-xogħol tal-EFSA ser ikun infurmat b'mod sħiħ mill-attivitajiet tagħhom.

21. L-EFSA tikkunsidra opinjonijiet minn dawn il-korpi filwaqt li tkompli teżamina t-tema mill-perspettiva Ewropea biex tiżgura l-indipendenza globali u r-rilevanza tal-pariri xjentifiċi tal-EFSA li jirriżultaw fil-kuntest Ewropew. L-EFSA kellha diskussjonijiet ma' dawn il-korpi biex tidentifika kif l-iskambju ta' evalwazzjonijiet tar-riskju, informazzjoni u dejta, jistgħu jitwettqu u jintużaw għal benefiċċju reċiproku, pereżempju (b'JECFA fuq Aflatoxin). EFSA bniet relazzjonijiet ta' xogħol mill-qrib mas-segretarjati tagħhom biex tagħmilha possibbli li kull wieħed minnhom ikun infurmat b'mod sħiħ bl-attivitajiet tal-oħrajn. Fl-aħħar mill-aħħar, li dan jiġi kkonsolidat b'mod ulterjuri, ser jgħin fil-prevenzjoni tad-duplikazzjoni tax-xogħol u jnaqqas diverġenza mhux meħtieġa.

22. L-EFSA avżat minn qabel ukoll, immedjatament qabel il-pubblikazzjoni u taħt embargo, l-evalwazzjonijiet tar-riskju tagħha fejn x'aktarx ikun hemm impatt internazzjonali mal-uffiċċji internazzjonali tal-USFDA, USDA, FSANZ, USEPA, il-Kummissjoni dwar is-Sigurtà fl-Ikel tal-Ġappun, Health Canada, WHO, OIE u l-FAO.

23. Il-kooperazzjoni ma' korpi internazzjonali nbniet ukoll fuq temi speċifiċi. Pereżempju, l-EFSA ħadmet mill-qrib mal-WHO dwar *Enterobacter sakazakii* fil-formula tat-trabi u b'mod konġunt mal-WHO u l-ECDC fuq ir-Reżistenza antimikrobjali. Fejn ikun twettaq xogħol sinifikanti dwar l-evalwazzjoni tar-riskju minn pajjiż terz, l-EFSA involviet esperti rilevanti fid-diskussjonijiet rilevanti tagħha, filwaqt li żgurat l-indipendenza globali tal-opinjoni xjentifika li rriżultat. eż. fix-xogħol tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-ikklonjar ta' annimali fejn l-EFSA involviet espert mill-FDA fid-diskussjonijiet inizjali tal-Grupp tax-Xogħol.

24. Permezz ta' taħdidiet u konferenzi, l-EFSA setgħet tiskambja u tiddiskuti ma' esperti internazzjonali, temi ewlenin fir-rigward tal-evalwazzjoni tar-riskju u temi xjentifiċi, u permezz ta' dan id-djalogu tifforma l-bażi għal

---

[15] L-EFSA u l-FDA Jsaħħu l-Kooperazzjoni fis-Sigurtà fl-Ikel, website tal-EFSA, Lulju 2007, ara http://www.efsa.europa.eu/EFSA/efsa_locale-1178620753812_1178621165446.htm
[16] Sħubija Ekonomika Transatlantika http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2003/october/tradoc_111712.pdf

kunsens dwar metodi u metodoloġiji, eż. fir-rigward ta' evalwazzjoni tar-riskju ambjentali, benefiċċju/riskju, kif wieħed għandu jimmaniġġja sustanzi karċinoġeniċi u ġenotossiċi.

25. L-EFSA ser tkompli tibni fuq dawn l-attivitajiet bil-għan li tinfluwenza, tikkontribwixxi għalihom u titgħallem minnhom, titgħallem fuq id-diskussjonijiet tagħha f'fora internazzjonali dwar l-evalwazzjoni tar-riskju, tippromwovi l-armonizzazzjoni fil-metodoloġiji u l-gwida, u tibqa' fuq quddiem tal-ħsieb u fl-evalwazzjoni tar-riskju f'internazzjonali.

26. Permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali tagħha, l-EFSA ser tantiċipa metodoloġiji ġodda ta' evalwazzjoni tar-riskju u tidentifika r-rilevanza ta' għarfien xjentifiku ġdid u teknoloġiji għal prattiċi kurrenti ta' evalwazzjoni tar-riskju.

**Inizjattivi Ewlenin**

- Tibni kif ikun xieraq fuq il-kooperazzjoni eżistenti mal-JECFA, JMPR, JEMRA OIE, IPPC, EPPO u aġenziji ta' pajjiżi terzi fuq attivitajiet bħal ipprogrammar tal-evalwazzjoni tar-riskju, sejħiet għal dejta u skambju ta' informazzjoni li tintuża biex twettaq evalwazzjonijiet tar-riskju.
- Tidentifika prijoritajiet li jkunu ġejjin ta' evalwazzjoni tar-riskju fuq il-livell internazzjonali u tuża b'mod sħiħ evalwazzjonijiet tar-riskju mwettqa minn korpi internazzjonali, pajjiżi terzi u korpi reġjonali filwaqt li tkompli żżomm l-indipendenza tal-pariri xjentifiċi Ewropej.
- B'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, tiddefinixxi u tipprijoritizza l-involviment tal-EFSA f'inizjattivi bħall-iżvilupp ta' linji gwida tal-evalwazzjoni tar-riskju u l-armonizzazzjoni ta' metodi tal-evalwazzjoni fil-livell internazzjonali.

IV - Biex tippromwovi l-koerenza fil-komunikazzjonijiet tar-riskju u tibni għarfien tal-attivitajiet tal-EFSA fil-livell internazzjonali.

26. L-attivitajiet internazzjonali tal-EFSA fir-rigward tal-komunikazzjonijiet u outreach, jiffokaw fuq żewġ miri ewlenin: biex tinbena kooperazzjoni akbar sabiex iżżid l-għarfien ta', u jiġi spjegat ir-rwol tal-EFSA fil-forniment tal-bażi xjentifika għal miżuri fl-Komunità Ewropea fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel u l-għalf, in-nutrizzjoni, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u żoni ta' protezzjoni u saħħa tal-pjanti.

27. Sabiex tibni koerenza akbar, l-EFSA żviluppat kooperazzjoni mill-qrib fil-komunikazzjonijiet tar-riskju ma' awtoritajiet nazzjonali Ewropej sa miss-sena 2003.

28. Bl-istess mod, l-EFSA bdiet tibni kuntatti ma' dipartimenti tal-komunikazzjonijiet f'pajjiżi terzi u korpi internazzjonali u tiskambja informazzjoni, u tiskambja esperjenzi dwar temi fejn tkun ġiet identifikata dimensjoni internazzjonali.

29. Dan xogħol kien ibbażat fuq is-sistema ta' notifika minn qabel tal-EFSA lil imsieħba afdati dwar evalwazzjonijiet tar-riskju magħżula u materjal għall-istampa immedjatament qabel il-pubblikazzjoni. L-għan hu li l-imsieħba internazzjonali jiġu infurmati dwar avviżi pubbliċi li jkunu ser isiru u biex tippromwovi l-koerenza fil-komunikazzjoni tal-metodoloġija tar-riskju, pereżempju meta jiġu ttakiljati temi ta' interess sinifikanti għall-media internazzjonali, bħal aspartame.

30. L-EFSA pparteċipat f'konferenzi internazzjonali dwar il-komunikazzjonijiet tar-riskju sabiex tiskambja esperjenzi, tidentifika prattiċi tajba u tinkoraġġixxi għarfien reċiproku. L-EFSA ser tibni fuq din il-kooperazzjoni internazzjonali billi tiżviluppa b'mod ulterjuri netwerks b'komunikazzjonijiet u dipartimenti tal-outreach f'organizzazzjonijiet internazzjonali u f'pajjiżi terzi b'responsabbiltajiet simili bżal dawk tal-EFSA.

31. Permezz tal-attivitajiet tagħha dwar il-komunikazzjonijiet, l-ESFA ser tiżviluppa b'mod ulterjuri l-għarfien, u l-għarfien u l-awtputs tar-rwol tal-EFSA fuq livell internazzjonali, kif ukoll ittejjeb il-kredibilità tal-bażi xjentifika għal miżuri Ewropej li jittieħdu fl-oqsma koperti mir-responsabbiltà tal-EFSA.

**Inizjattivi Ewlenin**

- L-EFSA ser tibni fuq attivitajiet tal-komunikazzjonijiet eżistenti tagħha marbuta ma' attivitajiet ta' evalwazzjoni tar-riskju ma' msieħba internazzjonali dwar dawk l-oqsma ta' interess reċiproku u globali, tiskambja informazzjoni u titgħallem fuq attivitajiet ta' komunikazzjonijiet kif ukoll tiżviluppa l-aħjar prattiċi.
- L-EFSA ser tibni fuq il-prattika eżistenti tagħha li tiskambja informazzjoni li tinkludi li tavża minn qabel dwar temi speċifiċi u twissija bikrija dwar avviżi pubbliċi ewlenin qabel ma dawn jiġu ppubblikati, u l-iskambju ta' informazzjoni u kuntatti ma' msieħba dwar temi emerġenti u topiċi li huma rilevanti għax-xogħol tal-EFSA hekk kif jidhru fil-media/online.
- L-EFSA ser tgħin biex tinkoraġġixxi t-twaqqif ta' pjattaforma internazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi u tiżviluppa prattiċi komuni u linji gwida biex tgħin ħalli tiżgura koerenza fil-komunikazzjoni dwar ir-riskju.

**Żmien u proċess għall-evalwazzjoni**

32. Dan id-dokument ser jifforma l-bażi għall-ippjanar aktar dettaljat ta' attivitajiet internazzjonali li ser jiġu inklużi fil-Pjanijiet Annwali ta' Tmexxija tal-EFSA, u fid-diskussjonijiet tagħha mal-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-attivitajiet internazzjonali tagħha fi ħdan il-qafas legali u istituzzjonali tagħha. Dan ser jiġi rivedut wara sentejn u nofs jew skont il-ħtieġa, biex jirrifletti kwalunke evalwazzjonijiet tal-Pjan Strateġiku 2009-2013 tal-EFSA.

European Food Safety Authority

## Anness I

### Glossarju tat-Termini

| | |
|---|---|
| ECDC | Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard |
| EPPO | Organizzazzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti fl-Ewropa u l-Mediterran |
| FAO | Organizzazzjoni dwar l-Ikel u l-Agrikoltura |
| FSANZ | Standards tal-Ikel fl-Awstralja u New Zealand |
| IPCC | Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil tal-Klima |
| IPPC | Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti |
| JECFA | Kumitat Espert Konġunt Xjentifiku tal-FAO/WHO dwar Kontaminanti u Addittivi tal-Ikel |
| JEMRA | Laqgħat Konġunti tal-FAO/WHO dwar l-Evalwazzjoni dwar ir-Riskju Mikrobijoloġiku |
| JMPR | Laqgħat Konġunti tal-FAO/WHO dwar ir-Residwi ta' Pestiċidi |
| JRC | Ċentru Konġunt tar-Riċerka |
| NZFSA | Awtorità ta' New Zealand dwar is-Sigurtà fl-Ikel |
| OECD | Organizzazzjoni għall-Iżvilupp u Kooperazzjoni Ekonomika |
| OIE | Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali |
| USDA | Dipartiment tal-Agrikoltura tal-Istati Uniti |
| USEPA | Aġenzija dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Istati Uniti |
| USFDA | Amministrazzjoni dwar l-Ikel u l-Mediċini fl-Istati Uniti |
| WHO | Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa |
| WTO | Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Kummerċ |

**Inizjattivi ewlenin, Azzjonijiet u Indikaturi ta' Suċċess relatati mal-'Attivitajiet Internazzjonali tal-EFSA - Metodoloġija Strateġika'**

Dan l-Anness jipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' nofs it-terminu biex ifornu l-inizjattivi ewlenin taħt kull objettiv tal-Attivitajiet Internazzjonali tal-EFSA - Metodoloġija Strateġika. Dawn ser jiġu riveduti kull sena u jiġu inklużi fil-Pjanijiet Annwali ta' Tmexxija.

| Objettiv I - Biex tappoġġja lill-UE fl-impenji internazzjonali tagħha - Livell multi-laterali | | |
|---|---|---|
| **Inizjattivi Ewlenin** | **Azzjonijiet** | **Indikaturi tas-suċċess** |
| **Fuq livell multilaterali**<br>Tiddefinixxi u tipprijoritizza mal-Kummissjoni l-appoġġ għal delegazzjonijiet tal-UE f'laqgħat intergovernattivi internazzjonali bħal task forces intergovernattivi tal-Codex, iżda wkoll fejn meħtieġ fl-EPPO, IPPC, OIE, il-Kunsill ta' Ewropa u OECD u attivitajiet preparatorji relatati[17].<br><br>Li tibni bażi aktar solida għal kooperazzjoni ma' korpi internazzjonali, tesplora mal-Kummissjoni l-potenzjal għal qafas adattat tal-attivitajiet tal-EFSA fir-reviżjoni ta' ftehim eżistenti dwar iż-żieda ta' skambji xjentifiċi u tekniċi. | **Livell multilaterali**<br>Tiddiskuti l-prijoritajiet mal-Kummissjoni Ewropea u tiżviluppa qafas maqbul li jinkludi l-elenkar tal-parteċipazzjoni u l-għajnuna tal-EFSA, u tiddetermina mal-Kummissjoni l-attivitajiet tagħhom biex tibni l-bażi tal-EFSA għal skambji xjentifiċi u tekniċi fil-kuntest multinazzjonali - fit-tmien tas-sena 2009 | **Multilaterali**<br>Qafas maqbul u implimentat |

[17] Pereżempju, li tgħin lill-Kummissjoni billi tagħti input ta' pariri xjentifiċi jew tekniċi dwar pożizzjonijiet qabel laqgħat internazzjonali.

| **Objettiv I - Biex tappoġġja lill-UE fl-impenji internazzjonali tagħha - Livell bilaterali** | | |
|---|---|---|
| **Inizjattivi Ewlenin** | **Azzjonijiet** | **Indikaturi tas-suċċess** |
| **- Fuq livell bilaterali**<br>Tidentifika u tipprijoritizza l-appoġġ tal-EFSA lil attivitajiet tal-Komunità u b'mod partikulari dawk marbuta mad-Djalogu dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju Transatlantiku, [18]it-Tkabbir u Programmi dwar il-Viċinat.<br><br>Fi ħdan il-qafas legali u istituzzjonali, taħdem mal-Kummissjoni biex tidentifika l-bażijiet adattati għal kooperazzjoni ma' dawk il-korpi li jkunu qed jagħmlu xogħol simili għall-EFSA f'Pajjiżi Terzi biex tiffaċilita l-kooperazzjoni u skambji fuq xogħol li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-EFSA.[19] | **Azzjonijiet fuq livell bilaterali**<br>Tiddiskuti mal-Kummissjoni Ewropea il-prijoritajiet u tiżviluppa qafas maqbul biex tibni l-bażi tal-EFSA għal skambji xjentifiċi u tekniċi fil-kuntest bilaterali – tmiem tas-sena 2009 | **Bilaterali**<br>Qafas maqbul u implimentat |

[18] Tinkludi pajjiżi ta' sħubija transatlantiċi u, flimkien ma' dawn, korpi dwar l-evalwazzjoni tar-riskju ta' pajjiżi terzi.
[19] eż. ftehimiet bħal dawk bejn il-Komunità ma' New Zealand, Awstralja, eċċ.

| **Objettiv II** **Tiżgura l-aċċess għal dejta xjentifika internazzjonali biex tipprovdi bażi f'saħħitha għall-evalwazzjoni tar-riskju u l-identifikazzjoni ta' riskji emerġenti.** | | |
|---|---|---|
| **Inizjattivi Ewlenin** | **Azzjonijiet** | **Indikaturi tas-Suċċess** |
| Fiż-żoni ta' prijorità, timplimenta arranġamenti li jutilizzaw strumenti legali eżistenti biex tirfed u tipprovdi bażi solida għall-iskambju ta' dejta u informazzjoni oħra ma' korpi rilevanti internazzjonali u ta' Pajjiżi Terzi bl-iskop li tipprovdi bażi komprensiva għall-attivitajiet tagħha tal-evalwazzjonijiet tar-riskju u ta' riskji emerġenti. | Tiżviluppa, tagħmel sommarju u tiddeskrivi s-sorsi ta' dejta utli għal skambji ta' dejta ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, partikularment dawk marbuta ma' attivitajiet tal-evalwazzjonijiet tar-riskju u ta' riskji emerġenti sat-tmiem tas-sena 2010. | Deskrizzjoni komprensiva tas-sorsi ta' dejta utli li jkunu ġew żviluppati |
| Tibni kooperazzjoni internazzjonali u tesplora mekkaniżmi biex tiffaċilita skambji mgħaġġla ta' informazzjoni u dejta biex ittejjeb il-ħila tal-EFSA li tappoġġja l-maniġers tar-riskju fil-każ ta' emerġenzi. | Tibni attivament kuntatti responsabbli għall-ġbir u l-evalwazzjoni ta' dejta marbuta mal-immaniġġjar ta' emerġenzi f'organizzazzjonijiet internazzjonali u ta' pajjiżi terzi sal-bidu tas-sena 2010 | Kuntatti żviluppati u skambji implimentati |

| **Objettiv III Parteċipazzjoni fl-evalwazzjoni tar-riskju fil-livell internazzjonali** | | |
|---|---|---|
| **Inizjattivi Ewlenin** | **Azzjonijiet biex tforni l-objettiv** | **Indikaturi tas-Suċċess** |
| Tibni kif ikun xieraq fuq il-kooperazzjoni eżistenti mal-JECFA, JMPR, JEMRA OIE, IPPC, EPPO u aġenziji ta' pajjiżi terzi fuq attivitajiet bħal ipprogrammar tal-evalwazzjoni tar-riskju, sejħiet għal dejta u skambju ta' informazzjoni li tintuża biex twettaq evalwazzjonijiet tar-riskju.<br><br>Tidentifika prijoritajiet li jkunu ġejjin ta' evalwazzjoni tar-riskju fuq il-livell internazzjonali u tuża b'mod sħiħ evalwazzjonijiet tar-riskju mwettqa minn korpi internazzjonali, pajjiżi terzi u korpi reġjonali filwaqt li tkompli żżomm l-indipendenza tal-pariri xjentifiċi Ewropej.<br><br>B'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, tiddefinixxi u tipprijoritizza l-involviment tal-EFSA f'inizjattivi bħall-iżvilupp ta' linji gwida tal-evalwazzjoni tar-riskju u l-armonizzazzjoni ta' metodi tal-evalwazzjoni fil-livell internazzjonali. | Kull sena mas-segretarjati tal-JEMRA, JECFA, JMPR (OIE, IPPC, EPPO) biex tiġi skambjata informazzjoni dwar l-ippjanar tar-riskju, tidentifika prijoritajiet, u tevalwa l-effett tax-xogħol tal-EFSA. - Bidu: Settembru 09<br><br>Kull tliet xhur tiskambja informazzjoni dwar attivitajiet dwar l-evalwazzjoni tar-riskju ma' segretarjati ta' kumitati internazzjonali biex tidentifika possibbiltajiet dwar skambju ta' dejta u kooperazzjoni - tmiem tas-sena 2009<br><br>Tipparteċipa f'inizjattivi tal-KE u inizjattivi oħrajn biex tippromwovi l-armonizzazzjoni ta' metodi tal-evalwazzjoni tar-riskju u tfittex attivament kooperazzjoni ma' msieħba u korpi internazzjonali f'dan ir-rigward - dawn għadhom għaddejjin | L-ipprogrammar u l-prijoritajiet billi jiġu kkunsidrati l-attivitajiet ta' korpi dwar l-evalwazzjoni tar-riskju internazzjonali - tmiem tas-sena 2009.<br><br>Skambji implimentati li jiskambjaw kooperazzjoni li tkun irnexxiet ma' korpi dwar l-evalwazzjoni tar-riskju internazzjonali - tmiem tas-sena 2009.<br><br>Impenjata f'attivitajiet ta' armonizzazzjoni internazzjonali u qed taħdem fuq proġetti speċifiċi ta' armonizzazzjoni. |

| Objettiv IV - Biex tippromwovi l-koerenza fil-komunikazzjonijiet tar-riskju u tibni għarfien tal-attivitajiet tal-EFSA fil-livell internazzjonali. | | |
|---|---|---|
| **Inizjattivi Ewlenin** | **Azzjonijiet** | **Indikaturi tas-Suċċess** |
| L-EFSA ser tibni fuq attivitajiet tal-komunikazzjonijiet eżistenti tagħha marbuta ma' attivitajiet ta' evalwazzjoni tar-riskju ma' msieħba internazzjonali dwar dawk l-oqsma ta' interess reċiproku u globali, tiskambja informazzjoni u titgħallem fuq attivitajiet ta' komunikazzjonijiet kif ukoll tiżviluppa l-aħjar prattiċi. | Tistabbilixxi b'mod addizzjonali djalogu regolari ma' dipartimenti tal-komunikazzjonijiet u dipartimenti tal-outreach f'aġenziji tal-ikel internazzjonali u ta' pajjiżi terzi, tistabbilixxi skambju virtwali għall-iskambju tal-aħjar prattiċi u leanings dwar komunikazzjonijiet tar-riskju - tmiem tas-sena 2009. | Extranet virtwali stabbilita ma' dipartimenti tal-komunikazzjoniet u outreach ta' korpi internazzjonali u ta' pajjiżi terzi disponibbli għall-Awtorità u Stati Membri. |
| L-EFSA ser tibni fuq il-prattika eżistenti tagħha li tiskambja informazzjoni li tinkludi li tavża minn qabel dwar temi speċifiċi u twissija bikrija dwar avviżi pubbliċi ewlenin qabel ma dawn jiġu ppubblikati, u l-iskambju ta' informazzjoni u kuntatti ma' msieħba dwar temi emerġenti u topiċi li huma rilevanti għax-xogħol tal-EFSA hekk kif jidhru fil-media/online. | Tikkonsolida l-politika għal notifika minn qabel u skambji dwar il-komunikazzjonijiet tar-riskju – Ġunju 2009 | Il-politika fornuta wara kriterji maqbula ma' msieħba li jkunu konxji tal-arranġamenti. |
| L-EFSA ser tgħin biex tinkoraġġixxi t-twaqqif ta' pjattaforma internazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi u tiżviluppa prattiċi komuni u linji gwida biex tgħin ħalli tiżgura koerenza fil-komunikazzjoni dwar ir-riskju. | Workshop annwali ma' organizzazzjonijiet ewlenin li jħarsu lejn prattiċi tal-komunikazzjoni tar-riskju, għodda u metodi, il-bini ta' netwerking u kooperazzjoni - nofs is-sena 2011 | Workshop li rnexxa li jidentifika attivitajiet ewlenin għal skambju ulterjuri. |